MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1467/2003

**MiddleSea Insurance plc, kif surrogata fil-jeddijiet ta' l-assigurat taghha Jonathan Ellul u l-istess Jonathan Ellul
vs
John Micallef u Steven Grillo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u wiehed liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm501.57), rapprezentanti danni subiti fuq vettura CAT-719 li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici bhala socjeta` assikurattrici ghajr hamsa u ghoxrin lira (Lm25) li thallsu mill-attur Jonathan Ellul bhala « excess » fuq il-polza ta' assikurazzjoni, wara l-incident stradali fil-post u data ndikati ghal liema incident jahtu unikament il-konvenuti jew min minnhom, li kienu qed isuqu vetturi BBH-742 (micallef) u GRI-100 (Grillo).**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-1 t'April, 2003 (annessa Dok.A) u kif ukoll ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghal finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta (annessa Dok.B) u bl-imghax dekorribbli skond il-Ligi sal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fid-29 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib liz-zewg konvenuti ugwalment responsabbli ghall-incident li sehh, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna : i. lill-konvenut John Micallef ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm250.78), u lil Jonathan Ellul is-somma ta' tnax-il lira u hamsin centezmu (Lm12.50), u**
**ii. lill-konvenut Steven Grillo jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm250.78), u lil Jonathan Ellul is-somma ta' tnax-il lira u hamsin centezmu (Lm12.50), ilkoll bl-imghaxijiet legali mill-1 t'April, 2003 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-1 t'April, 2003 u kif ukoll ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghal finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati f'sehem ugwali bejn il-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------